Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numrru: 29/2017

**John Terrence Flicker**

**Vs**

**Azure Services Limited**

19 ta' Frar, 2018.

1. B'decizjoni tal-24 ta' Mejju, 2017 it-Tribunal Industrijali laqa' eccezzjoni tal-intimata li l-proceduri li ppropona r-rikorrent kienu pprezentati wara l-erba' xhur kontemplati fl-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta. It-Tribunal qal:

   *"Tenut dan kollu t-Tribunal irid jara liema data tat-tkeccija hija dik effettiva biex imbaghad jikkunsidra ddekorriex o meno iz-zmien fatali. Jidher car illi l-punt importanti hija 'd-data effettiva tal-ksur allegat'. Ma hemmx dubju li d-data tal-ksur ma hi l-ebda wahda hlief dik tat-28 ta' Mejju, 2015, meta fil-fatt sar il-licenzjament u li wara din id-data r-rikorrent qatt ma hadem hemm iktar. Ir-rappurtar tal-kaz, il-mili ta' formoli u proceduri nterni tas-socjeta intimata li tirregistra a tempo vergine it-tkeccija ma jistghu qatt jissostitwixxu dak il-'ksur allegat' li indubbjament gara fit-28 ta' Mejju, 2015. Ghaldaqstant meta gie intavolat ir-rikors promotorju fid-9 ta' Ottubru, 2015 kien ga skada z-zmien ta' erba' xhur mil-licenzjament tar-rikorrent u ghaldaqstant il-proceduri huma dikjarati nulli".*

2. Fl-1 ta' Gunju, 2017 l-appellant ipprezenta rikors tal-appell fejn ilmenta li hemm biss data wahda ta' tkeccija minn impieg. L-appellant spjega:

   *"Filwaqt illi t-Tribunal fehem illi jrid jara preciz 'id-data tal-ksur allegat', b'dana kollu t-Tribunal, erronjament u skorrettament, interpreta u applika dan il-provvediment tal-ligi mhux ghad-data tat-terminazzjoni, izda ghad-data ta' meta sehh l-incident fuq il-post tax-xoghol, bhal li kieku dak huwa l-allegat ksur. L-incident per se, ossia meta l-impjegat wasal tlett minuti tard, mhux l-allegat ksur, izda hija t-terminazzjoni l-allegat ksur tad-drittijiet tal-appellant li qed jittenta jfittex gustizzja dwarha u li hija kontemplata fl-artiklu fuq citat".*

3. L-appellata ma pprezentatx twegiba

4. Fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2018 saru sottimissjonijiet mid-difensuri tal-partijiet.

5. Il-fatti fil-qosor huma:

   i. L-appellant kien impjegat mas-socjeta intimata bhala *holiday consultant*.
   ii. Fit-28 ta' Mejju, 2015 l-appellant kien mar tard ghal-laqgha ta' tahrig li organizzat l-appellata. Dakinhar kien gie nfurmat minn Kevin Camilleri li wehel multa ta' €500 talli mar tard. Billi rrifjuta li jiffirma, Camilleri qallu biex jitlaq.
   iii. L-appellata baghtet avviz lil Jobsplus li l-appellant kien impjegat maghha mit-22 ta' Lulju, 2013 sal-11 ta' Gunju, 2015. Fl-avviz jinghad li *"dismissed on disciplinary grounds"*.
   iv. Fid-9 ta' Ottubru, 2015 l-appellantipprezenta r-rikors quddiem it-Tribunal Industrijali minhabba li jallega li t-tkeccija kienet ingusta.

6. Mill-avviz li tat l-appellata stess lil Jobsplus hu evidenti li dan kien kaz ta' tkeccija ta' impjegat. Fatt accettat mit-Tribunal innifsu li fid-decizjoni qal:

   *"Ir-rikorrent John Terrence Flicker **kien gie licenzjat** minn mas-socjeta intimate Azure Services Limited allegatament fit-28 ta' Mejju, 2015"*.

7. L-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 jipprovdi:

   *"(3) Kull referta magħmula skont is-subartikolu ta' qabel dan, għandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawża, ippreżentata fir-reġistru tat-Tribunal u għandha, fil-każijiet kollha, hekk tiġi ppreżentata mhux iktar tard minn **erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat**"*.

8. Hu fatt li fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2016 l-appellant xehed:

   *"So far as I was concerned I was summarily fired from that point onward because at no point had I been asked back to the company"*; u

   *"Yeah I was dismissed on the 28th of May. I've never worked there since. I was dismissed on the 28th of May. I came in to work five minutes late or three minutes late, they fined me five hundred pounds, I refused to pay, they fired me there and then. Anything else that is all covering their tracks"*.

9. Ghalkemm l-appellant ighid li t-Tribunal applika l-ligi b'mod zbaljat ghaliex ikkunsidra d-data meta sehh l-incident bhala d-data ta' terminazzjoni, hu evidenti li t-Tribunal ibbaza d-decizjoni fuq dak li xehed l-appellant stess. Kien hu li xehed li tkecca mill-impieg fit-28 ta' Mejju, 2015. Meta t-Tribunal qal li *"... irid jara liema data tat-tkeccija hija dik effettiva biex imbaghad jikkunsidra ddekorriex o meno z-zmien fatali"*, irrepeta dak li tghid il-ligi. Mhuwiex korrett

l-appellant fl-argument li t-Tribunal ta x'jifhem li hemm data ta' tkeccija effettiva u ohra mhux effettiva. F'dan ir-rigward it-Tribunal Industrijali m'ghamilx distinzjoni bejn dati differenti. Li ghamel it-Tribunal hu li ddetermina liema kienet id-data effettiva tat-tkeccija. Dak hu l-ezercizzju li ovvjament kellu jsir sabiex jiddeciedi jekk l-azzjoni li ppropona l-appellant kinitx *fuori termine*. Ezercizzju li jinvolvi apprezzament ta' fatt.

10. Ghal dik li hi d-data tal-11 ta' Gunju, 2015 li tidher fl-avviz li l-appellata tat lil Jobsplus, din il-materja diga' giet ikkunsidrata mit-Tribunal Industrijali. Fid-decizjoni t-Tribunal iddikjara li, *"…irid jara liema data tat-tkeccija hija dik effettiva biex imbaghad jikkunsidra ddekorriex o meno iz-zmien fatali"*. Ovvjament id-data ta' tkeccija minn impieg hi kwistjoni ta' fatt li trid tigi stabbilita mit-Tribunal Industrijali. Il-qorti tfakkar li appell quddiem din il-qorti jista' jsir biss fuq punt ta' ligi. Bhala fatt it-Tribunal ma qabilx mat-tezi tal-appellant li kien tkecca fil-11 ta' Gunju, 2015. Dan apparti li mhemm xejn fil-ligi li jghid li d-data li tigi ddikjarata mill-principal fl-avviz li jaghti lil Jobsplus hi presunzjoni *juris et de jure* tad-data effettiva tat-tkeccija. L-avviz hu prova bhal provi ohra li jridu jigu kkunsidrati mit-Tribunal Industrijali meta jiddeciedi d-data effettiva tat-tkeccija, u f'dan il-kaz it-Tribunal iddecieda li d-data tat-tkeccija kienet it-28 ta' Mejju, 2015. Fl-ebda parti tad-decizjoni t-Tribunal ma qal li l-perjodu ta' erba' xhur kien jiddekorri mid-data meta sehh l-incident, u wisq inqas li l-incident kien *'il-ksur allegat'* li jissemma fl-artikolu 75(3) tal-Kap. 452.

11. Wiehed jista' ma jaqbilx mat-Tribunal Industrijali u jargumenta li dak li xehed l-appellant u li fuqu bbaza d-decizjoni t-Tribunal, kien effettivament x'fehem hu. Hemm ukoll provi ohra li jistghu jwassluk biex ma taqbilx mat-Tribunal li l-appellant tkecca fit-28 ta' Mejju, 2015. Hekk per ezempju:

    i. Fid-dikjarazzjoni tal-fatti li pprezentat l-appellata, qatt ma ddikjarat li l-appellant tkecca fit-28 ta' Mejju, 2015. F'dik l-istess dikjarazzjoni ntqal, *"11. Waqt illi huwa veru illi giet imposta fuq l-appellant multa ta' €500 jinghad li **Kevin Camilleri qatt ma kecca lir-rikorrent**"*. L-appellata kompliet tghid li, *"Bejn it-28 ta' Mejju u t-8 ta' Gunju, kien hemm diversi attentati bejn il-partijiet biex jiltaqghu u jaraw kif jipprocedu izda fl-ahhar laqgha li saret bejn is-Sur Flicker u s-Sur Gavin Dickenson (position) fit-8 ta' Gunju, it-tnejn flimkien qablu li jkun ahjar li r-rikorrent ma jibqax impjegat mal-kumpannija …."*

    ii. Fid-dikjarazzjoni li pprezenta l-appellant qal li kien attenda ghal laqgha fis-7 ta' Gunju, 2015 u matul dik il-laqgha Gavin Dickinson qallu li ma kien hemm xejn x'jista' jaghmel u ***"you're fired mate"***; *"It was on the drive home that I realised that the offer of 'pay the fine or be fired'*

*was no longer an option and that **I had in effect been summarily dismissed**"* (fol. 61).

iii. Susan Sprucefield, Gavin Dickinson u Kevin Camilleri ma xehedux li l-appellant tkecca mix-xoghol fit-28 ta' Mejju, 2015.

12. Fl-ahjar ipotezi ghall-appellant minn hawn wiehed jista' jikkonkludi li t-tkeccija saret fis-7 ta' Gunju, 2015[1], cjoe' fil-gurnata meta l-appellant qal li ltaqa' ma' Dickinson[2] u nfurmah ***"you're fired"***. Mela mhemmx dubju li dakinhar il-principal kien iddecieda li jkecci lill-appellant u nfurmah li tkecca. Ghaldaqstant, ir-rikors promotur hu xorta *fuori termine* ghaliex l-appellant ipprezentah fid-9 ta' Ottubru, 2015.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.

[1] L-appellant qal li kien imsiefer u gie lura Malta s-Sibt 6 ta' Gunju, 2015 u l-laqgha ma' Dickinson saret fis-7 ta' Gunju, 2015 (ara dikjarazzjoni u meta fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2016, fol. 60).

[2] Jirrizulta li fl-assenza ta' Peter Newton kien il-persuna responsabbli.